MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1764/1997/1

**Korporazzoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati)**
**u b'digriet tat-23 ta' Gunju 1999 Korporazzjoni Telemalta qed tigi sostitwita b'Maltacom plc**

**Vs**

**Paul Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm192.74) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 415263 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Shed No1, No 3A, Ta' Qali, Pitkalija u dana skond ma kif jidher mis-service agreement Dok B anness mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud u fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 12 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi fl-ewwel lok il-konvenut qieghed minn issa jirriserva d-dritt illi jissoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk ikun il-kaz u dana wara li jixhed rappresentant tas-socjeta attrici rigward ghal liema perijodu jirriferixxi l-ammont mitlub fl-avviz u dana peress illi d-dokumenti esebiti ma jaghtu l-ebda indikazzjoni dwar dan.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut kien jamministra n-negozju tieghu tal-pitkalija bi shab ma' Charles Micallef u dana sas-sena 1994. Illi ghalhekk l-imsemmi Charles Micallef ghandu jigi ukoll kjamat fil-kawza.

Illi inoltre l-kontijiet tat-telefon qatt ma gew f'idejh u kienet responsabbilta' ta' Charles Micallef u Carmelo Micallef missieru li jamministraw u ihallsu l-kontijiet.

Salvi eccezzjonjeit ulterjuri.

Rat id-digriet taghha moghti fit-23 ta' Gunju 1999 u li bih gie awtorizzat li din il-kawza titkompla f'isem Maltacom p.l.c. (ara fol 18 u 19 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel eccezzjoni kif proposta ma jidhirx li, filfatt, giet sollevata l-eccezzjoni hemm imsemmija. Ghalhekk l-istess eccezzjoni, jekk tista' tissejjah hekk, ma tistax tigi kunsiderata u decisa mill-istess Qorti.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta attrici, ipproduciet lill-Prokuratur Legali Noel Scerri li esebixxa ‘statement’ dettaljat dwar l-ammont pretiz fl-avviz li jirreferi ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Ottubru 1994 sat-13 ta’ Ottubru 1996 (ara fol 17 u fol 22 tal-istess atti). Inoltre, a fol 3 tal-atti jinsab dokument konsistenti f’”talba ghal xoghol” kif hemm specifikat, liema xoghol kien jirreferi ghan-numru ta’ telefon 415263, kif indikat fl-avviz in esami, u iffirmata minn Paul Micallef aventi l-karta tal-identitta’ numru 580632 (M). Mill-istess dokument u in rigward l-istess xoghol hemm, imnizzel, l-indirizz ta’ “Shed No1, No3a, Ta’ Qali, Pitkalija”.

Ikkunsidrat

Illi meta xehed l-istess konvenut (fol 44 et seq ibid) dan semma li s-servizz telefoniku imsemmi kien jigi uzat minnu u mit-tifel ta’ huh, Charles Micallef fix-‘shed’ tal-Pitkalija gja msemmija. Matul Ottubru Novembru 1994, hu kien gie imkecci mill-Pitkalija, anke bl-intervent tal-Pulizija u dwar dan kien hemm kawza civili intavolata minnu kontra l-imsemmi neputi, Paul Micallef (Dwar dan ara il-kopja legali ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Mejju 2003, liema sentenza, pero’ giet appellata) Jigi notat illi fil-kontro esami, l-konvenut stess, testwalment, qal “Jiena nahseb li t-telefon kien ilu fuq ismi fil-post in kwistjoni ghal 25 sena’ u ‘Wara li gejt imkecci, jiena ma nistax nitkellem ma tal-Maltacom fuq il-kwistjoni.

Illi l-konvenut ipproduca zewg xhieda cjoe huh, Carmelo Micallef u L-Ispettur tal-Pulizija Carmel Micallef (fol 55 u fol 53, rispettivament, tal-atti) liema xhieda, pero’ ma tantx tidher li tista’ tkun rilevanti ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk il-Qorti trid tara u tiddeciedi dwar minn kien responsabbli legalment u fuq basi ta’ fatt, ghall-hlas ta ‘kontijiet ta’ telefon vis-à-vis is-servizz specifikat fl-avviz.

Jidher, dwar dan, mill-provi kif hawn fuq esposti, jidher li kien hemm relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-

konvenut, wahdu.  Dan jfisser illi ma hux mehtieg li jigi kjamat in kawza l-imsemmi neputi Charles Micallef kif ukoll li ma tissussisti ebda relazzjoni kemm ta' fatt kemm legali bejn is-socjeta attrici u l-istess neputih.

Ili dan kollu jirrisulta mill-istess xhieda tal-konvenut "ex admisses" meta xehed li l-istess servizz kien tista' tghid dejjem fuq ismi u li meta gara dak li gara bejnu u l-istess neputih, il-konvenut ma kienx informa lis-socjeta attrici dwar l-akkadut.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk , il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli, wahdu, ghall-hlas tal-ammont pretiz fl-avviz, b'riserva ghal kull dritt skond il-ligi u fuq basi ta' fatt il-konvenut vis-à-vis huh u t-tifel ta' dan in rigward l-istess ammont.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm192.74,0 bl-imghax legali mis-16 ta' Mejju, 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------